

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1702****tal-1 ta' Awwissu 2019****li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-lista ta' pesti ta' prijorità**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2016/2031, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tistabbilixxi lista ta' pesti ta' prijorità.
- (2) Il-pesti ta' prijorità huma pesti ta' kwarantina fl-Unjoni, li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin: l-ewwel nett, mhumiex magħrufa li huma preżenti fit-territorju tal-Unjoni jew magħrufa li huma preżenti f'parti limitata ta' dak it-territorju jew għal preżenzi skarsi, irregolari, iżolati u mhux frekwenti fih; it-tieni, l-impatt ekonomiku, ambjentali jew soċjali potenzjali tagħhom huwa l-aktar sever fir-rigward tat-territorju tal-Unjoni u, it-tielet, huma elenkati bħala pesti ta' prijorità.
- (3) Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni biex tiddetermina liema pesti għandhom jiġu elenkati bħala pesti ta' prijorità. Dik il-valutazzjoni kienet ibbażata fuq metodoloġija żviluppata miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni u mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel.
- (4) Din il-metodoloġija tinkludi indikaturi komposti u analiżi bbażata fuq diversi kriterji. Tqis, fir-rigward tat-territorju tal-Unjoni, il-probabbiltà ta' tixrid u l-istabbiliment tal-pesti vvalutati kif ukoll il-konsegwenzi. Barra minn hekk, dik il-metodoloġija tqis il-kriterji elenkati fit-Taqsima 1, fil-punt (2) u fit-Taqsima 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/2031, li jkopru d-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali.
- (5) Il-valutazzjoni qieset ir-riżultat tal-metodoloġija implimentata miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni u mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, kif ukoll mill-konsultazzjoni tal-pubbliku ġenerali mwettqa permezz tal-Portal tar-Regolamentazzjoni Aħjar. B'riżultat ta' dan, ġie konkluż li hemm 20-il pest, li għalihom l-impatt ekonomiku, ambjentali jew soċjali potenzjali huwa l-aktar sever fir-rigward tat-territorju tal-Unjoni.
- (6) Barra minn hekk, daww il-pesti mhumiex magħrufa li huma preżenti fit-territorju tal-Unjoni jew huma magħrufa li huma preżenti f'partijiet limitati tiegħu jew għal preżenzi skarsi, irregolari, iżolati u mhux frekwenti fih.
- (7) Huwa għalhekk xieraq li daww il-pesti jiġu elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (8) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti tar-regoli kollha dwar il-pesti tal-kwarantina fl-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-istess data bħar-Regolament (UE) 2016/2031, jiġifieri mill-14 ta' Diċembru 2019,

<sup>(1)</sup> ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Lista ta' pesti ta' prijorità**

Il-lista ta' pesti ta' prijorità, kif imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2016/2031, hija stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-14 ta' Diċembru 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Awwissu 2019.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Jean-Claude JUNCKER

\_\_\_\_\_

## ANNEX

**Lista ta' pesti ta' prijorità**

*Agrilus anxius* Gory  
*Agrilus planipennis* Fairmaire  
*Anastrepha ludens* (Loew)  
*Anoplophora chinensis* (Thomson)  
*Anoplophora glabripennis* (Motschulsky)  
*Anthonomus eugeni* Cano  
*Aromia bungii* (Faldermann)  
*Bactericera cockerelli* (Sulc.)  
*Bactrocera dorsalis* (Hendel)  
*Bactrocera zonata* (Saunders)  
*Bursaphelenchus xylophilus* (Steiner and Bühner) Nickle *et al.*  
*Candidatus Liberibacter* spp., aġent kawżali tal-marda Huanglongbing tat-tħaddir taċ-ċitru  
*Conotrachelus nenuphar* (Herbst)  
*Dendrolimus sibiricus* Tschetverikov  
*Phyllosticta citricarpa* (McAlpine) Van der Aa  
*Popillia japonica* Newman  
*Rhagoletis pomonella* Walsh  
*Spodoptera frugiperda* (Smith)  
*Thaumatotibia leucotreta* (Meyrick)  
*Xylella fastidiosa* (Wells *et al.*)

---